# IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

Qabel ma nibdew il-lezzjoni tagħna tajjeb li naqraw xi versi mill-Vanġelu ta' Ġwanni, għaliex ħafna ftit li xejn jagħtu każ tat-tifsira ta' dawn is-siltiet.

1. **FIDI: Ġwanni 14:26**,

   *"Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom."*

2. **DOTTRINA: Ġwanni 15:26**

   *"Meta jiġi d-Difensur, li se nibagħtilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier,* ***huwa*** *jixhed għalija."*

3. **XHIEDA**: **Ġwanni 16:12-15,**

   *"Baqgħali ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. Meta jiġi* <u>*hu*</u>*, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni. Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għal-hekk għedt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom."*

4. **Ġwanni 16:7**

   *"Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom."*

5. **Versi 8-11**

> "*U meta* ***huwa*** *jiġi, juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju: id-dnub, filli huma ma jemmnux fija; il-ġustizzja, filli jien sejjer għand il-Missier, u intom mintomx se tarawni iżjed; il-ġudizzju, filli l-prinċep ta' din id-dinja huwa ġa ikkundannat.*"

L-Ispirtu s-Santu juri lid-dinja li "**għandha żball**" dwar tliet ħwejjeġ.

(1) Dwar id-**dnub** – Dwar dan għandna muri f'Atti 2 meta l-Ispirtu ġie fil-jum ta' Pentekoste.

(2) Dwar il-**ġustizzja** – permezz tal-missjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, il-midneb ikun magħmul ġust.

(3) Dwar il-**ġudizzju** (jew ħaqq) – Ġudizzju li fih il-korla ta' Alla kontra d-dnub u l-premju tal-ġustizzja jkunu mogħtija. L-appostlu Pietru jgħidilna b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*" (2 Pietru 1:20-21).

Issa ħalli naqraw **Ġwanni 17:4**

> "***Jien igglorifikajt*** *lilek* <u>*fuq l-art billi*</u> *temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel.* <u>*U issa*</u>***, Missier, igglorifika*** *lili* ***għandek, bil-glorja*** *li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.*"

X'kienet il-glorja li Ġesù kellu qabel ma kienet id-dinja? Dwar dan naqraw fi Ġwanni 1:1,

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Din kienet fil-bidu ma' Alla.*"

Ukoll naqraw f'Filippin 2:5-6,

> "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm kien f'sura ta' Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla. Iżda xejjen lilu n-nifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin: u wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem: Biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkobba, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; U li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier.*"

Dan hu dak li jfisser dak li aħna naqraw li Ġesù Kristu "**qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla**." Li Ġesù **issa** għandu l-glorja li kellu qabel!

Issa, għaliex jiena għedt fil-bidu li "ħafna, ftit li xejn jagħtu każ tat-tifsira tagħhom"? jiġifieri, ta' **Ġwanni 16:7-13**. Hawn Ġesù qal:

> **"…*jaqblilkom li*** *jiena mmur: Jekk* ***ma mmurx,*** *id-Difensur ma jiġix għandkom.***"**

Jekk il-qawwa kollha ta' dan il-kliem tkun magħrufa, fid-dawl ta' l-ispjega li Ġesù jagħti dwar l-iskop tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, ikun jidher ċar kemm hija falza l-enfasi li meta jerġa' jiġi Ġesù Kristu **Hu se jsalva** lil-Lhud li jkun hemm f'dak il-waqt **u jwaqqaf saltna** għal elf sena fuq l-art!

Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu tikkonċerna **s-salvazzjoni**:

> "*U meta* ***huwa*** *jiġi, juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju.*"

Il-miġja viżibbli ta' Kristu **ma tkunx biex isalva** lill-bnedmin jew biex iwaqqaf xi saltna għal elf sena fuq l-art, imma tkun **biex jagħmel ħaqq u jsaltan għal l-eternità**. Għalhekk

naqraw fit-**2 Korintin 5:16**,

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk.*"

Ix-xogħol Tiegħu Ġesù lestieh għal kollox **fuq l-art**. **Issa** huwa l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Kelma, li qiegħed jaħdem **għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha**. L-appostlu Pawlu jgħid f'**Galatin 5:18**

> "*Jekk lilkom imexxikom l-Ispirtu, m'intomx taħt il-liġi.*"

**Għalhekk id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx. Ġesù qal hekk dwar dan, u dan qalu lil-Lhud:**

> "*Għalhekk ngħidilkom li d-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrulhom lill-bnedmin, imma dagħwa bl-Ispirtu s-Santu ma tinħafirx. U jekk xi ħadd jgħid xi ħaġa kontra Bin il-bniedem tinħafirlu; iżda min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jkollux maħfra, la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja*" (Mattew 12:31-32).

**"U jekk xi ħadd**" tapplika għall-ġnus kollha, kemm jekk Lhud jew le!

> "*La f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja.*"

Dan kollu hu għaliex l-Ispirtu s-Santu kien mibgħut biex "iwassal il-verità kollha" **għas-salvazzjoni ta' kulħadd!** Kien żbaljat Ġesù meta qal: "**La f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja**"? Minn dan huwa muri b'mod l-aktar ċar li l-bnedmin **kollha**, Lhud u mhumiex, għandhom **jobdu l-Evanġelu** biex isalvaw. Ġesù qal, **f'Mattew 7:24 u 26**:

> "*Għalhekk, **kull min** jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien,….Imma **kull min** jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien,….*"

Ma hemm **ebda** regola **oħra** fil-Kelma ta' Alla li biha xi ħadd jista' jsalva. Ir-regola hija: **tisma' u tagħmel** dak li tgħid il-Kelma ta' Alla.

## KULL MIN

**Lil-Lhud**, l-Ispirtu s-Santu jgħidilhom f'**Lhud 5:9**

> "*U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal* ***kull min*** *jisma' minnu.*"

"**Għal kull min**" ċertament li hawn tapplika għal-Lhud għaliex l-ittra hija indirizzata **lilhom**! Ukoll l-Ispirtu s-Santu jgħid lil-Lhud li:

> "*Hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess,* ***u hekk kiseb fidwa għal dejjem***" (Lhud 9:12)

Il-fidwa hija miksuba "**darba għal dejjem**" issa jiddependi minn "**KULL MIN**" minnhom jisma' Minnu (**Lhud 5:9**). Ukoll jgħidilhom lil-Lhud (u lilna):

> "*Kif nistgħu neħilsuha* ***aħna*** *jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din is-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh…*" (Lhud 2:3-4).

F'Rumani 10:10-13 ukoll għandna l-"KULL MIN."

> "*Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni. L-Iskrittura tgħid, 'KULL MIN jemmen fih ma jintilifx'. Ma hemmx għażla bejn* ***Lhudi u Grieg;*** *Alla hu s-sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax KULL MIN isejjaħ isem il-Mulej isalva.*"

U f'Lhud 3:7-19—4:1-13 naqraw hekk:

> *"Għalhekk, **kif igħid l-Ispirtu s-Santu**: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom…Ħuti, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj. Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kulljum—sakemm inkunu għadna nistgħu ngħidu "Illum"—biex ħadd minnkom ma jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu. Għax aħna għandna sehem fi Kristu, **jekk** inżommu sħiħa sa l-aħħar it-tama li kellna fil-bidu. **Jingħad fl-Iskrittura**: 'Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom… U għal min ħalef li ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħu, jekk mhux għal dawk li ma ridux **jisimgħu**."*

Ċertament li kemm dawk il-Lhud li ma semgħux u ntilfu u kemm dawk il-Lhud li meta jerġa jiġi Kristu ma jkunux semgħu u obdew l-Evanġelju tal-grazzja sejrin ikunu kkundannati.

L-appostlu Pietru kien **jaħseb qabel** li Alla jħares lejn l-uċuħ. Imma wara **fehem li kien żbaljat** fejn naqraw **f'Atti 10:34**

> *"Pietru qabad jitkellem u qal: Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma jilqa' lil KULL MIN għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, **ikun minn liema poplu jkun**."*

Bħala konklużjoni tajjeb li wieħed jaqra **Galatin 3:23—4:7**.

### Ħarsa fuq fuq lejn it-2 Tessalonikin 2

1. <u>**Vers 1-2a**</u>: Il-Miġja tal-Mulej:
   a. Mattew 24:36-51; 25:10.
   b. Luqa 21:34-36 – "
   c. 2 Pietru 3:9-10
   d. 1 Tessalonikin 2:13 – "Ilqajtu l-kelma tagħna bħala l-Kelma ta' Alla, kif tassew hi."

2. **<u>Vers 2b</u>**: "Imnebbħin mill-Ispirtu…"
   a. 2 Timotju 3:16-17
   b. **Spirti qarrieqa**:- 1 Timotju 4:1
   c. 1 Ġwanni 4:1
   d. 2 Pietru 2:1-3, 17-18
   e. 2 Korintin 11:12-13

3. **<u>Vers 2b:</u>** "Kelma taparsi minn għandna."
   a. 1 Korintin 4:6 – "Mhux iktar milli hemm miktub."
   b. Galatin 1:6-8 – "Jekk aħna stess jew anġlu mis-sema…"
   c. Atti 20:29-32 (aqra).

4. **<u>Vers 3a:</u>** "Tħallux 'il min iqarraq bikom, B'EBDA MOD!"
   a. Efesin 5:6-10.
   b. Efesin 4:10-16
   c. Kolossin 2:8
   d. **1 Korintin 10:14** – "…Lil nies għaqlin qiegħed inkellem; **għarblu intom kull ma ngħid**." – **Atti 11:17**.

5. **<u>Versi 3b-4:</u>** "Hu li jqum u jintrefa' fuq kull ma jġib l-isem ta' Alla…"
   a. **Rumani 1:18, 28, 32**.

6. **<u>Versi 6-8:</u>** Għaliex ma jseħħx?
   a. **2 Pietru 3:9** – Mhux li jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, **kif jaħsbu xi wħud**, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li **kulħadd** jersaq għal l-indiema."
   b. "Kulħadd" – Min huma l-*kulħadd*?
   c. Il-kelma "kulħadd" tinkludi wkoll lil-Lhud?
   d. Hawn Pietru qiegħed jitkellem dwar it-tieni miġja ta' Kristu u t-tmiem tad-dinja!

7. **<u>Versi 9-10:</u>** "Il-Ħażin…KULL XORTA TA' **mirakli**

**sinjali u għeġubi-jiet…**"

a. 2 Korintin 11:14-15 – Satana jitbiddel f'anġlu tad-dawl.
b. Rivelazzjoni 13:11-14
c. Mattew 7:21-21-23

8. <u>**Vers10b-13:**</u> Gideb kontra l-Verità.
   a. Rumani 1:28-32
   b. Ġwanni 17:17
   c. **1 Ġwanni 2:21 – "Ebda qerq ma jitnissel mill-verità."**
   d. Ġakbu 1:16-18; 1 Pietru 1:22
   e. 2 Pietru 1:12
9. <u>**Vers 14:**</u> Salvazzjoni permezz ta' l-Evanġelju.
   a. 1 Pietru 1:22-25
   b. Rumani 1:16
   c. 1 Korintin 15:1-4

## IL-MIĠJA TA' KRISTU

Xi wħud jgħallmu li se jkun hawn aktar minn "**tieni miġja**" waħda ta' Kristu. Dan it-tagħlim falz jaf il-bidu tiegħu lil J.N. Darby (1800-1882). Dan kien magħmul aktar popolari minn ktieb ta' riferenza tal-Bibbja (?) minn Scofield. Aktar wara kien ukoll mgħallem minn Billy Graham u oħrajn.

Dan it-tagħlim jgħid li l-Mulej: L-ewwel jiġi għall-qawmien tal-mejtin ġusti u t-tehid tal-ħajjin ġusti. (interpretazzjoni ħażina ta' 1 Tess. 4:16-17). Dawn kollha għandhom jiltaqgħu Miegħu fl-ajru. Huma jibqgħu Miegħu hemm **għal seba snin**. (Imkien fil-Bibbja ma jintqal dan).

Dawk li ma jemmnux ma jarawħx f'din il-miġja. Dawn il-profeti foloz dan isejħulu "rapiment sigriet." (il-kelma "rapiment" "rapture" imkien ma tinstab fil-Bibbja kollha). Matul dan il-perjodu ta' *seba' snin* ikun hemm tribulazzjoni fuq l-art. (l-istess bħat-tagħlim Kattoliku tal-purgatorju minflok wara l-mewt dan isir hawn fuq l-art!). Fit-tmiem tas-seba' snin Kristu

jerġa' jiġi, fejn iġib lill-qaddisin Tiegħu miegħu, lura fl-art, biex iwaqqaf is-saltna millenjali. L-istess, dan imkien ma jintqal fil-Bibbja imma jintqal biss fit-teorija millenjali!

Naturalment dawn l-għalliema foloz jippreferu li jitkellmu dwar żewġ "stadji" jew "fażijiet" tal-miġja ta' Kristu milli dwar żewġ miġjiet. Imma biċ-ċar it-teorija teħtieġ żewġ miġjiet, inkwantu l-isem li huma jagħtuhom!

Billi Graham wara qal li fit-tieni miġja tal-Mulej ikun hemm serje ta' ġrajjiet matul perjodu twil ta' żmien. Imbagħad hu għamel lista tal-ħwejjeġ li kellhom isiru f'dak il-perjodu twil: Ir-rapiment, l-ikla taż-żwieġ tal-Ħaruf (meta Ġesù jkun inku-runat bħala Sultan tas-slaten, bħallikieku issa Kristu għadu mhuwiex Sultan: Ġwanni jgħidilna f'Rivelazzjoni 17:14,

> "*...**għax hu** Sid is-sidien u **Sultan** is-slaten.*"

It-tribulazzjoni l-kbira, (jiena nsejħilha l-purgatorju fuq l-art), u l-qawmien ta' l-Antikrist (dak li naqraw fl-1 Ġwanni dwar l-Antikrist ma jiswa xejn għall-Millenjalisti!). Huma jkomplu jgħidu li "mbagħad ikun hemm ir-ritorn ta' Kristu mal-knisja tiegħu u t-twaqqif ta' sema u art ġdida fuq l-art fejn Kristu jsaltan għal dejjem."

Dan it-tagħlim imur għalkollox kontra t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu! Dawn l-għalliema foloz jgħidu li l-ewwel Ġesù se jiġi "**għall**"-qaddisin u mbagħad jerġa'jiġi "**mal**"-qaddisin Tiegħu. L-espressjoni "**Għall**-qaddisin" imkien ma tinsab fit-Testment il-Ġdid. "**Mal**-qaddisin" – Din l-espressjoni tinsab biss tliet darbiet fl-Iskrittura kollha: f'Żakkarija 14:5; fl-1 Tessalonikin 3:13 u f'Ġuda 14.

Imma għal min qiegħed ifisser bil-kelma "**qaddisin**" hawn? **Ġuda 14** – "*...Il-Mulej ġie bl-elufijiet **qaddisa** tiegħu.*" Din tirriferi għal **l-anġli** li jiġu mal-Mulej: Dwar dan naqraw f'**Mattew 25:31**,

> "*U bl-anġli mqaddsa (qaddisin) kollha miegħu*"

(ara wkoll Mattew 13:30, 39; 16:27; Mark 8:38; Luqa 9:26;

Atti 10:22; 2 Tessalonikin 1:7; Rivelazzjoni 14:10).
Ġesù Nnifsu jgħid:

> "*Hu jibgħat* ***l-anġli tiegħu****, li b'leħen qawwi ta' tromba jiġbru l-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ minn tarf sa tarf tas-sema*" (Mattew 24:31).
>
> "*…Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli.*" (Mattew 13:39).

Ta min jinnota li "l-qaddisin" **qatt** ma huma msemmija **flimkien ma'** l-anġli. Aħna **qatt** ma naqraw dwar l-anġli **u** l-qaddisin.

**Hemm tliet kelmiet Griegi li dawn l-għalliema foloz jużaw biex jiġġustifikaw it-tagħlim tagħhom.**

1. ***Parousia*** – "miġja" (użata 14-il darbiet minn Pawlu – 8 tirriferi għall-miġja ta' Kristu).
2. **1 Tessalonikin 4:15**, li tirriferi għar-"rapiment" li l-Millenjalisti jgħidu li hija l-ewwel fażi tar-ritorn ta' Kristu. Il-kelma "rapiment" imkien ma tinsab fil-Bibbja!
3. ***Epiphany*** – "Dehra," "dija" (**Titu 2:13**), manifestazzjoni tal-miġja tiegħu.
   a. **2 Tessalonikin 2:1, 8** – ***epiphany*** u ***parousia*** huma wżati għal **l-istess** ġrajja!
4. ***apocalypse*** – "Rivelazzjoni" – (**2 Tessalonikin 1:7**), li skond il-Millenjalisti tirriferi għall-miġja ta' Kristu "mal-"qaddisin Tiegħu wara s-seba' snin.
   a. L-istess, Pawlu juża fl-**1 Korintin 1:7** l-kelma ***apocalypse*** fejn jgħid lill-Kristjani: "*intom u tistennew* ***id-dehra*** *ta' Sidna Ġesù Kristu.*" Din il-millenjalisti jassenjawha għall-miġja ta' Kristu "mal"-qaddisin.

Imma l-iżball tagħhom huwa li ma jkunx hemm "stennija" hemm għal Kristu biex jiġi għal dawk li diġa kienu meħuda miegħu fir-rapiment! Imbagħad dawn l-għalliema foloz ukoll jippruvaw jagħmlu distinzjoni bejn: "Jum il-Mulej" u "Jum Kristu" u l-"Jum ta' Alla" bħallikieku, il-Mulej mhuwiex

Kristu, u mhuwiex Alla! Minn dan naraw kemm wieħed għandu jkun attent dwar dan it-tagħlim falz!

## FIT-TIENI MIĠJA JKUN HEMM SEPARAZZJONI KOMPLUTA (Luqa 17:26-36 – Mattew 13:24-43)

**Luqa 17:33-36 – (Aqra)**

<u>Luqa 17:33</u> – Ħwejjeġ materjali u ħwejjeġ spiritwali. Proverbju li Ġesù juża ta' spiss:

> "*Min ifittex li jsalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha.*"

Ara wkoll: Mattew 10:39; 16:25; Mark 8:35; Luqa 9:24; Ġwanni 12:25.

Dak li jfittex li jippriserva ħajtu billi jwarrab jew jittraskura milli jagħmel il-ħwejjeġ ta' Alla, jitlifha. Imma dak li hu lest li jissagrifika ħajtu għal Kristu, li għalih Kristu jiġi l-ewwel, jikseb il-ħajja ta' dejjem. Dan ma jintilifx ma' dawk li huma ħżiena jekk ikun fidil lejn Alla meta Kristu jerġa' jiġi.

**Vers 31 – "*F'dak il-jum…*" – vers 34 – "*F'dak il-lejl.*"**

**Mattew 24:36-44**

> "*Dwar dak il-**jum** u s-**siegħa** ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli tas-sema, u anqas l-Iben; **ħadd ħlief il-Missier waħdu**. Bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè daħal fl-arka, u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, **hekk tkun** il-miġja ta' Bin il-bniedem.*" *Imbagħad tnejn ikunu fil-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla. Isrhu, mela, għax ma tafuhx <u>il-</u>*

*<u>jum</u> li fih jiġi Sidkom. Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema <u>siegħa</u> tal-lejl se jiġi l-ħalliel, kien jishar u ma jħallix min jinfidlu l-ħitan ta' daru. Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru <u>s-siegħa</u> li fiha jiġi Bin il-Bniedem.*"

i. "**<u>Hekk tkun</u>** il-miġja ta' Bin il-bniedem."
ii. Liema miġja? Mhux **miġjiet**! Liema t-tieni, jew it-tielet, wara s-seba' snin jew wara l-elf sena??
iii. **Ara (f), <u>Lhud 9:25-28</u>** – "…Issa deher **darba għal dejjem**…"
iv. "**B'xejn ma ntebħu**." Mhux kif jgħallmu xi wħud illum! Ebda sinjali!
v. "Il-jum" – "siegħa tal-lejl" – "is-siegħa" – "ħin" – "żmien" – "nofs ta' lejl" – "Il-ħsad."
vi. Huma dawn riferenzi **għal l-istess** ġrajja? Ċerta-ment li iva!

b. **<u>Mattew 24:50</u>** – "Sid dak il-qaddej jasal **<u>f'jum</u>** li hu **ma jkunx jistennieh**, **<u>f'siegħa</u>** li fiha jieħdu **għal għarrieda**."

c. **<u>1 Tessalonikin 5:1-2</u>** – "Dwar il-**<u>ħin</u>** u ż-**<u>żmien</u>**, ħuti, ma għandix bżonn niktbilkom. Intom tafu sewwa li jum il-Mulej jiġi **għal għarrieda bħal ħalliel bil-lejl**."

d. **<u>2 Pietru 3:10</u>** – "Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej **bħal ħalliel**; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar."

e. **<u>Rivelazzjoni 3:10</u>** – Lil knisja ta' Sardi – "Isa, ftakar f'dak li rċevejt u smajt, ħarsu sewwa, u indem. Għax jekk ma tistenbaħx, **niġik <u>bħal ħalliel</u>, bla ma tkun taf is-<u>siegħa</u> li fiha niġik**."

f. **<u>Mattew 25:5-6</u>** – "Il-għarus **<u>iddawwar</u> ma ġie**, u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu. Imbagħad

**__f'nofs ta' lejl__** instema' min igħajjat, 'Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!"

g. **__Mattew 13:30, 39-43__** – " Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana **__l-ewwel__**, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq, u **mbagħad** qiegħdu **l-qamħ** fil-maħżen tiegħi….[39-43]…**il-ħsad ifisser tmiem id-dinja**, u l-ħassada l-anġli. Mela bħalma s-sikarana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, **hekk isir fi tmiem id-dinja**. Bin il-bniedem jibgħat **l-anġli** tiegħu, u huma jiġbru barra mis-saltna tiegħu kull ma jġib it-tfixkil u **__kull min jagħmel il-ħażen__**, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien. **__Imbagħad__** **__il-ġusti__** jsiru jiddu bħax-xemx fis-saltna ta' Missierhom. **Min għandu widnejh, ħa jisma'**."

h. **__Mattew 13:47-50__** – "Is-saltna tas-smewwiet tixbah ukoll lil xibka mixħuta l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellugħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, **__jiġbru__** fil-kannestri dak li jkun **__tajjeb__** u **__jarmu__** **__l-ħażin__**. **__Hekk jiġri__** **fi tmiem id-dinja**: **l-anġli** joħorġu **__jifirdu l-ħżiena mill-ġusti__**, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien."

i. **__Mattew 25:19__** – "**Wara ħafna**, sid dawk il-qaddejja reġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom."
   i. **__2 Korintin 5:10__** – "Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli **kulħadd** jieħu skond **it-tajjeb** jew **il-ħażin** li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem."
   ii. **__Ġwanni 5:28-29__** – "Tistagħġbux b'dan: tiġi **__siegħa__** meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: **__dawk__** li jkunu għamlu **t-__tajjeb__** iqumu għall-**ħajja**, imma **__dawk__** li jkunu għamlu **__l-ħażin__** iqumu għall-**kundanna**."

j. **Mattew 25:31-34, 41, 46** – “Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru **l-ġnus kollha**, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż: in-**ngħaġ** iqegħdhom fuq il-lemin tiegħu u l-**mogħoż** fuq ix-xellug. Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, '**Ejjew**, imberkin minn Missieri, ħudu **b'wirt tagħkom** is-saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja....[41]Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, '**Morru** minn quddiemi, misħutin fin-nar ta' dejjem li thejja għax-xitan u għal l-anġli tiegħu sħabu...[46]U **dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem** u **l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem**.”

k. **Lhud 9:25-28** – “u daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mil-ħolqien tad-dinja. **Iżda issa deher darba għal dejjem**, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. [27]U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu **darba biss**, **u wara dan isir il-ġudizzju**, hekk ukoll Kristu, wara li offra Lilu nnifsu **darba biss** biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, **għad jerġa' jiġi DARB'OĦRA**, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh ħerqa.”

   i. **Kemm-il darba se jerġa' jiġi Ġesù?**
   ii. “...għad jerġa' jiġi **DARB'OĦRA**.”
   iii. **DARBA OĦRA**, mhux darbtejn jew tliet darbiet!!
   iv. **Jaqgħu t-teoriji tas-seba' snin u ta' l-elf sena!**

a. “F'dak il-jum” (Matt. 24:50); “F'siegħa” (Matt.

24:50); "F'dak il-lejl"; "F'nofs ta' lejl" (Matt. 25:6) "F'dik is-siegħa" (Ġw. 5:39); "Dak in-nhar" (Luqa 17:27); "Jum u siegħa" (Matt. 25:31); "il-ħsad" (Matt. 13:30).

b. Kristu jiġi "bħall-ħalliel" (1 Tess. 5:2).
c. U "fil-ħin li ħadd ma jkun qed jistennih" (Matt. 24:44).

2. **Vers 34** – "F'dak il-lejl, tnejn ikunu f'sodda waħda: wieħed minnhom jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda minnhom tittieħed u l-oħra titħalla."

a. **Eżempji**: Wieħed fidil lejn il-Mulej u l-ieħor le.
b. Mhux biss il-miġja ta' Kristu tkun f'ħin mhux mistenni, **imma din tkun waqt ta' separazzjoni**.
c. **Luqa 17:26-27** – "U bħalma ġara fi żmien Noè, hekk ukoll jiġri fi żmien Bin il-bniedem, Kienu jieklu, jixorbu, u jżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè **daħal** fl-arka; imbagħad ġie d-dilluvju u **qerdihom** ilkoll."

i. Dawk fuq **ġewwa** u dawk fuq **barra**, isseparati minn xulxin.
ii. Salvi u meqrudin.
iii. Dawk mal-Mulej u dawk **isseparati** Minnu.

d. **Mattew 25:1-13** – Il-parabbola tal-għaxar xebbiet.
i. Dawk boloh – Dawk għaqlin.
ii. L-għaqlin daħlu **ġewwa** (l-istess bħal dawk ġewwa l-arka)
iii. Il-boloh baqgħu **barra** – (l-istess bħal dawk barra mill-arka).
iv. Isseparati minn xulxin.

e. **Luqa 17:32** – "Ftakru fil-mara ta' Lot!"
i. Il-kmand kien igħid: "Aħrab għall-ħajtek; **la tħarisx lura**" (**Ġenesi 19:17**).
v. **Ġenesi 17:26** – "**Iżda** martu, minn warajh, **ħarset**

**lura**, u saret pilastru tal-melħ."

vi. L-istess hawn: Dawk li obdew u salvaw u dik li ma obdietx u ntilfet, kienet isseparata minnhom.

a. <u>**Mattew 25:32**</u> – "U quddiemu jinġabru **l-ġnus kollha**, u hu <u>**jifridhom**</u> minn xulxin, bħalma r-ragħaj **jifred** in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħdhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug."

b. **Jifridhom jew jisseparahom minn xulxin.**

2. <u>**Mattew 13:30**</u> – **Il-Parabbola tal-Qamħ u s-Sikrana.**

*"Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: '**Iġbru s-sikrana *<u>l-ewwel</u>,** u orbtuha qatta qatta għall-ħruq,***<u>imbagħad</u>** qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi."*

a. **Hawn għandna "l-ħżiena" li jkunu mogħtija l-ħaqq L-EWWEL!**

b. <u>**1 Tess. 4:15-18**</u> – "…u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu ***<u>l-ewwel</u>**, ***<u>Imbagħad</u>** aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn ninħatfu magħhom fl-ajru fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej."

c. ***Hawn għandna "t-tajbin" mejtin L-EWWEL!??**

d. ***"Imbagħad" it-tajbin "ħajjin."**

e. <u>**Mattew 13:36-43**</u> – Interpretazzjoni minn Ġesù Nnifsu!

f. <u>**Vers 40**</u> – "Mela bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, ***hekk isir fi tmiem id-dinja***. Bin il-bniedem **jibgħat l-anġli tiegħu**, u huma jiġbru barra mis-saltna tiegħu (1) **kull ma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen**, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien. (2) ***<u>Imbagħad</u> il-ġusti** jsiru jiddu bħax-xemx fis-saltna ta' Missierhom. **Min għandu widnejh, ħa jisma'**!"

g. **It-<u>tnejn</u>**, il-ħżiena u t-tajbin flimkien.

h. “**Imbagħad** il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx **fis-saltna ta’ Missierhom**.”
   i. “Fis-saltna ta’ Missierhom” tfisser l-istat tas-sema.
   ii. <u>1 Korintin 15:24</u> – “**Imbagħad**, it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f’idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa.”
   iii. Hawn għandna kontradizzjoni ċara għat-teorija millenjali li jkun hemm żewġ reżurrezzjonijiet, waħda tat-tajbin, oħra tal-ħżiena, imbagħad elf sena bejniethom, u mbagħad il-ġudizzju finali.
   iv. F’din il-parabbola tal-**ħżiena** u t-**tajbin** Ġesù wriena **<u>lit-tnejn</u> ikomplu mhux meqrudin** sakemm jasal il-ġudizzju finali meta ssir **is-separazzjoni**.
   v. F’din il-parabbola Ġesù jgħidilna wkoll min huma l-qaddisin li se jiġu Miegħu: ***<u>L-anġli</u>***.

2. Dwar il-kelma “dinja” ta’ vers 39 fejn fil-Grieg hija “żmien.”

3. Din ukoll tinagħta interpretazzjoni ħażina biex tkun taqbel mat-tagħlim falz tal-millenjalisti!
   a. Il-millenjalisti jassumu li l-espressjoni “dan iż-żmien” u “dak iż-żmien” tirriferi għall-millennju.
   b. F’Luqa naqraw hekk:

      “*U Ġesù wieġeb, qalilhom: Ulied* ***did-dinja*** *jiżżewġu, u jingħataw għaż-żwieġ: Iżda dawk li jkunu meqjusin li jistħoqqilhom* ***dik id-dinja*** *l-oħra, u l-qawmien mill-mewt, la jiżż-ewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ: lanqas jistgħu jmutu iżjed: għax huma bħall-anġli; u huma wlied Alla, billi huma wlied il-qaw-mien mill-imwiet*” (Luqa 20:34-36).
   ċ. X’qiegħed jgħid Kristu hawn? Hu jgħid, “dawk li

jkunu meqjusa li jisthoqqilhom *dik id-dinja*"—x'dinja? U l-qawmien mill-mewt—x'qawmien? "La jiżżewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ."

d. Jirriferu dawn għalina f'millennju?
e. Il-millenjalisti għandhom mod perikoluż ħafna kif jilagħbu bil-kliem.
f. Huma jgħidu, "*Dan* iż-żmien (did-dinja) u *dak* iż-żmien (dik id-dinja) mhumiex l-istess żmien"—għalhekk, wara t-tieni miġja ta' Kristu u qabel l-aħħar qawmien u ġudizzju, ikun hemm ħakma ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art!

**1. L-ewwel ħaġa, x'naqraw f'Atti 3:20-21?**

*"Hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù,* ***li għalissa għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*** *li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu."*

a. Dan ma jistax isir!
b. It-tieni ħaġa hija: Kif huma jafu li "dak iż-żmien" jirriferi għall-ħakma ta' elf sena?
c. Din is-silta ma tgħidux dan! Lanqas kelma waħda biss dwar dan!
d. Kif huma jafu li "dak iż-żmien" ma jirreferix għal l-istat finali, is-sema nfis-ha, fejn huma "*la jiżżewġu lanqas iżewġu, imma jkunu bħal l-anġli ta' Alla* ***fis-sema***" (Mattew 22:30)?

2. Biex l-Ispirtu s-Santu jkisser it-tagħlim falz ta' dawn il-profeti u għalliema foloz dwar il-millenju jgħidilna permezz ta' l-appostlu Pietru,

*"Hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għalissa* ***għandu jibqa'***

> ***fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid ta' kollox*** *li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa kollha tiegħu minn mindu bdiet id-dinja*" (Atti 3:20-21).

Qabel inkompli nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' min jaqra dan l-istudju li fil-verżjonijiet tal-Malti, tal-Bibbja ( u wkoll f'xi verżjonijiet bl-ingliż), wieħed għandu joqgħod attent dwar kif jinqraw dawn il-versi.

1. Żewġ verżjonijiet minnhom (T.B.S. u B.S.), minflok "żminijiet" (vers 20), fil-plural, dawn iġibu "żmien," fis-singular, li tagħmel differenza kbira fit-tifsira tagħha.
2. Ukoll, il-verżjoni Għ.B.M., minflok "sa ma jseħħ it-tiġdid *ta' kollox*" iġib "sa ma jseħħ it-tiġdid *kollu*" li hija traduzzjoni ħażina wkoll.
3. Kulma wieħed għandu jagħmel jekk jiddubita dwar dak li qiegħed ngħid jien, dan jaqbad il-Grieg u jqabbel miegħu.
   a. Dawn il-verżjonijiet jaqraw hekk f'Atti 3:20-21:
      i. T.B.S. (Trinitarian Bible Society) – "U jibgħat 'il Ġesù Kristu, li kien imxandar lilkom minn qabel: Li s-sema għandu jilqgħu sa **żmien** it-tiġdid **ta' kollox**, li qal Alla b'fomm il-profeti qaddisa kollha tiegħu minn mindu bdiet id-dinja."
         - Hawn għandna "żmien" minflok "*żminijiet*" u "ta' kollox" minflok "*tal-ħwejjeġ kollha*."
      ii. B.S. (Bibbja Saydon) – "Biex jasal żmien il-faraġ minn għand il-Mulej u jibgħat 'il Ġesù Kristu li kien imhejji għalikom, u li s-sema għandu jilqgħu sa **żmien** it-tiġdid **ta' kollox**, li qal Alla mill-qedem b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu."
         - Hawn għandna wkoll "żmien" minflok "*żmini-jiet*" u "ta' kollox" minflok "*tal-ħwejjeġ kollha*."
      iii. Għ.B. M. (Għaqda Biblika Maltija) – "Hekk jiġu *żminijiet* ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li **għalissa** għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-

tiġdid **kollu** li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu."

- Hawn għandna l-kelma "*żminijiet*" kif suppost hi.
- Imma mbagħad għandna l-kelma "**għalissa**" miżjuda.
- Ukoll għandna l-frażi "t-tiġdid kollu" minflok "it-tiġdid *tal-ħwejjeġ kollha*."

iv. Il-Grieg jgħid hekk: "Għax jiġu *żminijiet* ta' tiġdid mill-preżenza tal-Mulej u hu jista' jibgħat li kien appuntat minn qabel għalikom Kristu Ġesù, li jeħtieġ li jkun milqugħ fis-sema ***sa ma ż-żminijiet tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*** li dwarhom tkellem Alla permezz tal-fomm tal-qaddisa miż-żmien tal-profeti tiegħu."

v. Minħabba traduzzjonijiet żbaljati bħal dawn ħafna jiġu ngannati b'tagħlim falz fejn huma sinċerament ikunu jaħsbu li qegħdin jaċċettaw tagħlim skritturali meta fil-fatt ma jkunx!

vi. Minn dan wieħed jista' jara kemm dawk il-profeziji minn Danjel u oħrajn kienu mwettqa u għandhom ikunu mwettqa fl-Epoka Kristjana li aħna ninsabu fiha u mhux f'xi żmien ieħor li l-profeti u l-għalliema foloz isejħulu *l-millennju*!

4. Mela, x'inhu jgħidilna l-Ispirtu s-Santu hawn? Qiegħed jgħidilna li Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema **sa ma jseħħ** "*it-tiġdid* ***tal-ħwejjeġ kollha***" li hija traduzzjoni aktar eżatta.

5. Il-millenjalisti jgħallmu b'mod żbaljat għal kollox li "ż-żmien" tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha" jibda b'millennju meta Kristu jerġa' jiġi.
   a. Imma hawn aħna għandna "*żminijiet*" u mhux "*żmien*."

6. Kontu tafuh dan jew le?
   a. Imma dawn il-versi, miktuba b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ma jgħidux li Kristu għandu jibqa' fis-sema sa

ma *l-ħwejjeġ kollha* ***jibdew*** *ikunu mġedda jew irrestawrati*.
   b. Dan jgħid "iż-żminijiet" (plural) tat-tiġdid "*tal-ħwejjeġ kollha*" (plural), **mhux** "żmien ta' elf sena"!

7. Dan Ġesù li hawn huwa mwiegħed li jiġi lura għandu **jibqa' fis-sema** *sa ma "l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda.*"
   a. Għalhekk, *il-ħwejjeġ kollha* għandhom ikunu irrestawrati jew imġedda **QABEL** ma Ġesù jiġi.
   b. Aħna qegħdin ngħixu *fiż-żminijiet* "imlissna mill-profeti kollha."
      i. Dan beda bil-miġja ta' Kristu f'vers 18, u spiċċa bil-miġja Tiegħu kif indikat f'vers 18, u jispiċċa bil-miġja kif indikat f'vers 21.
      ii. Il-millenjalisti għandhom iż-żminijiet tar-restawrazzjoni jibdew fejn Pietru jgħid li huma jispiċċaw.
      iii. Ix-xogħol tat-tiġdid jew restawrazzjoni huwa għaddej issa, u Kristu għandu *jibqa' fis-sema* sa ma l-ħwejjeġ kollha li qalu l-profeti jkunu irrestawrati.
      iv. Imbagħad Ġesù jiġi, u dan ikun it-tmiem.
      v. Atti 3:19-21 ma tgħinx lill-millenjalisti għaliex huma direttament kontra u opposti għat-tagħlim falz tagħhom.

8. Pietru qal lil-Lhud li dan Ġesù li huma kienu sallbu tela' lura fis-sema, u li issa s-sema *għandha tirċevih u żżommu sakemm jerġa' jiġi imma mhux qabel ma l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda jew irrestawrati*.

9. Il-Messija għandu **jsaltan** fuq il-poplu ta' Alla sakemm jerġa' jiġi.

10. "Żminijiet tat-tiġdid" ġejja mill-Grieg, "*apokatastaseos*," u hija kelma ta' għaqda doppja magħmula minn, "*apo*," "*kata*," u "*histemi*," u hija wżata hawn biss fit-Testment il-Ġdid.
    a. Din hija terminu tekniku mediku, u tfisser tiġdid komplut għas-saħħa.

11. **L-ewwel miġja mmarkat <u>il-bidu</u> tal-perjodu tat-tiġdid,**

**it-tieni miġja timmarka <u>t-tmiem</u> ta' dak il-perjodu**.

12. Kemm huwa differenti t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu mit-tagħlim tal-profeti u l-għalliema foloz!

13. Il-profeziji nkludew it-tnejn, kemm l-ewwel miġja u kemm it-tieni miġja ta' Kristu, u għalhekk inkludew il-perjodu magħruf bħala "*t-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*" ***li aħna ninsabu fih***.

14. Skond il-Kelma ta' Alla, Kristu ma jistax jiġi qabel **mal-ħwejjeġ kollha** jkunu mġedda u dan *ma jħalli ebda lok għal-saltna ta' elf sena fuq l-art* inkella l-Ispirtu s-Santu kien żbaljat meta nebbaħ lil Pietru biex jgħid dan il-kliem!

15. Aħna qegħdin ngħixu "fiż-żminijiet tat-tiġdid" *issa*.
    a. Is-silta ma tgħidx li Kristu għandu jiġi meta ż-żminijiet tat-tiġdid ***jibdew***.
    b. Din tgħid sewwasew l-oppost.

16. Ġesù Kristu għandu **jibqa'** fis-sema ***sa ma*** l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda.

17. It-tieni miġja ta' Kristu timmarka **t-tmiem**, mhux **il-bidu**, taż-"żminijiet tat-tiġdid."

18. Iva, iż-żminijiet tat-tiġdid jinsabu fil-proċess ***issa***, u jispiċċaw meta "l-ħwejjeġ kollha" jkunu kompluti fix-"xogħol ta' fidwa" fil-miġja ta' Kristu.

19. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

    > "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk*" (2 Korintin 5:16).

20. Imma skond il-millenjalisti hemm elf sena oħra li fihom aħna nagħrfu lil Kristu skond il-ġisem! Imma aħna naċ-ċettaw il-kliem ispirat li "*issa ma nagħrfuhx aktar hekk*."

## IL-QAWMIEN TAL-MEJTIN

Ħalli nagħti eżempju ieħor dwar tagħlim falz ieħor tal-millenjalisti u li sfortunatament ħafna nies sinċiera qegħdin jinqbdu fin-nassa tagħhom.

Huma jgħallmu li għandu jkun hemm qawmien tat-tajbin u wara l-elf sena jkun hemm qawmien ieħor tal-ħżiena. Jekk inti taqbel ma' dan it-tagħlim falz, ara x'jgħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma ispirata Tiegħu. Ħalli ninnutaw xi siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa.

(1) Fi **Ġwanni 6:39, 40, 44, 45**, u **Ġwanni 11:24**, aħna għandna serje ta' skrittu-ri li jgħidu li dawk li jkollhom il-ħajja ta' dejjem ikunu mqajma *fl-aħħar jum*. Imma **Ġwanni 12:48** jgħidilna li dawk li jmaqdru lil Kristu u ma jilqgħux kliemu jkunu ġġudikati *fl-aħħar jum*.

1. Dawk li għandhom il-ħajja eterna jkunu mqajma *fl-aħħar jum*.
2. Dawk li ma jilqgħux il-kliem ta' Kristu jkunu ġġudikati *fl-aħħar jum*.
3. Għalhekk, il-qawmien tal-ġusti u l-qawmien tal-ħżiena jiġi fl-istess ħin. Il-mille-nalisti għandhom elf sena bejn dawk iż-żewġ ġrajjiet u b'hekk jikkontradixxu l-Iskrittura.

(2) Fl-**1 Korintin 15:51-52**, l-appostlu Pawlu jgħid li l-mejtin ikunu mqajma u l-ħajjin ikunu mibdula *ma' l-aħħar tromba*. Fl-**1 Tessalonikin 4:16**, Pawlu jgħidilna li "l-Mulej innifsu jin-żel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel."

Dan il-vers juri li *l-mejtin fi Kristu* jkunu mqajma l-ewwel —qabel mal-ħajjin fi Kristu jkunu meħuda—u huma jkunu maqbuda fl-ajru *flimkien* "biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu għal dejjem mal-Mulej." Dik tkun *l-aħħar tromba*, jgħid l-Ispirtu s-Santu fl-**1 Korintin 15:51-52**.

Il-qawmien tal-*mejtin fi Kristu* jkun ma' *l-aħħar tromba*. Jekk il-ħżiena huma mqajma *wara* l-elf sena, huma ma jkoll-hom *ebda tromba*. *L-aħħar tromba* sempliċiment tfisser *l-aħħar qawma*. L-aħħar tromba hija meta Kristu jiġi, meta l-mejtin fi

Kristu jkunu maqbuda fl-ajru biex jiltaqgħu Miegħu, meta l-ġusti jkunu meħuda, skond Pawlu fl-1 Korintin 15: 51-52, u fl-1 Tessalonikin 4:16.

(3) Fi **Ġwanni 5:28-29**, Ġesù jgħid,

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna.*"

Hawn għandna l-Kelma tal-Mulej Innifsu kontra l-kelma tal-profeti u l-għalliema foloz.

"*Dawk kollha*" li qegħdin fl-oqbra tagħhom tinkludi:

1. Dawk li għamlu t-tajjeb.
2. Dawk li għamlu l-ħażen.

Dawn joħorġu jew jiġu 'l quddiem *fl-istess siegħa*—mhux elf sena bogħod minn xulxin. U dan ikun meta huma jisimgħu leħnu. Dan, għalhekk, jarmonizza ma' l-1 Tessalonikin 4:16 meta Hu "jinżel *b'għajta*," u ma' l-1 Korintin 15:51 "ma' l-aħħar tromba." F'din il-konnessjoni:

> "*Aħna lkoll jaħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu; biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu fil-ġisem, sew tajjeb, u kemm ħażin*" (2 Korintin 5:10).

Il-Bibbja mkien ma tgħallem żewġ reżurrezzjonijiet futuri, separati b'elf sena minn xulxin.

Aħna rajna li dawk li għandhom il-ħajja eterna jkunu mqajma *fl-aħħar jum*: u li l-ħżiena jkunu ġġudikati *fl-aħħar jum*; għalhekk, il-qawmien tal-ġusti u l-ġudizzju tal-ħżiena jkunu fl-istess ħin, mhux elf sena bejniet.

Rajna wkoll il-fatt li l-aħħar tromba tkun mismuha, meta l-mejtin fi Kristu jkunu mqajma. Hija *t-tromba*, fl-1 Tessalonikin 4:16, u hija *l-aħħar tromba*, fl-1 Korintin 15:51. F'wieħed, dan jgħid *il-mejtin fi Kristu* jkunu mqajma u *l-ħajjin fi Kristu* jkunu maqbuda fl-ajru. Fl-ieħor, dan jgħid *il-mejtin* ikunu *mqajma* u

*l-ħajjin* ikunu *mibdula*. Għalhekk hija l-istess tromba fiż-żewġ siltiet. Hija msejħa *l-aħħar tromba*, u l-aħħar tromba hija meta *l-ġusti mejtin ikunu mqajma*. Jekk dik hija l-aħħar tromba, u se jkun hemm qawmien tal-ħżiena elf sena wara, *huma ma jkoll-hom ebda tromba*. Huma jkollhom iqumu mingħajr tromba. Qiegħed tara kemm huwa falz it-tagħlim tal-Millenjalisti?

Naqraw fi Ġwanni 5:28-28,

> "*Tistaġġbux b'dan: tiġi siegħa, meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna.*"

Fl-istess siegħa. Temmnu dan int? Dan qalu l-Mulej mhux il-Millenjalisti! Il-Millenjalisti jippruvaw ikissru l-kliem ċar tal-mulej billi jgħidu li dik hija siegħa dispensazzjonali imma mbagħad huma jkollhom is-siegħa twila daqs il-jum. U jekk hija siegħa dispensazzjonali, imbagħad din għandha tkun dispensazzjoni tal-qawmien, il-=qawmien għandu jkun kontin-wu matul id-dispensazzjoni jew taqsima.

"F'jum is-salvazzjoni" (2 Korintin 6:2) hija t-taqsima jew id-dispensazzjoni tas-salvazzjoni: salvazzjoni hija kontinwa matul "il-jum" jew dispensazzjoni. Għalhekk, jekk is-siegħa hija siegħa dispensazzjonali, il-qawmien ikun kontinwu matul dik id-dispensazzjoni. Imma jkun hemm wisq qawmien!

Imma jekk dispensazzjonali, dik ma tkun xejn, fil-fatt, l-istess siegħa. Il-ġusti jkunu mqajma qabel ma tibda s-siegħa millenjlai, il-ħżiena jkunu mqajma wara lis-siegħa millenjali tispiċċa, xi wħud fil-bidu u xi wħud fit-tmiem. Dak ikun parti minn tliet "siegħa. Wisq siegħat!

Le, dan ma jistax ikun veru. Skond it-teorija falza tal-Millenjalisti, il-mejtin fi Kristu huma mqajma qabel il-bidu tas-siegħa millenjlai, u l-ħżiena huma mqajma wara li l-elf sena jkunu spiċċaw. Imma skond Il-Mulej tagħna, fi Ġwanni 5:29, il-mejtin fi Kristu u l-ħżiena mejtin huma mqajma fl-istess ħin. Ma hemm ebda perjodu ta' elf sena bejniet. It-tajbin joħorġu għall-qawmien tal-ħajja, u l-ħżiena joħorġu għall-qawmien tal-

kundanna. Dak huwa l-kliem tat-test, tal-Mulej, u dak huwa t-tagħlim Tiegħu. Trid tkun tassew prużuntuż biex tipprova tgħawweġ il-Kliem tal-Mulej!

***Il-Bibbja tgħallem li l-qawmien tal-ġusti u tal-ħżiena jkunu fl-istess ħin.***

**Rivelazzjoni 1:7:**

> "*Arawh, ġej fis-sħab, u l-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh; u r-razez kollha ta' l-art jibdew iħabbru fuq sidirhom minħabba fih. Iva, Amen.*"

Dan hu meta Kristu *jiġi bis-sħab*. Dawk li *kienu nifduh* jarawh. Imma dawn huma fost il-ħżiena. Kif huma jistgħu *jarawh*, jekk ma jkunux imqajma meta jiġi Ġesù Kristu? Imma l-Ispirtu s-Santu jgħidilna li huma se *jarawh*. Għalhekk, il-mejtin ħżiena jkunu mqajma *meta Ġesù jiġi* mas-sħab.

**2 Tessalonikin 1:5-10:**

> "*Li hu prova ċara tal-ħaqq ġust ta' Alla, biex tkunu miżmumin bħala li tistħoqqilkom is-saltna t'Alla, li għaliha intom ukoll qegħdin issofru. Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom; u lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-smewwiet ma' l-anġli setgħana tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux lil Alla, u li ma jobdux l-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn jitħallsu bit-telfien ta' dejjem, minn quddiem wiċċ il-Mulej u mill-glorja tas-setgħa tiegħu; Meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu (għax ix-xhieda tagħna fostkom kienet emmnuta) f'dak il-jum.*"

Hu "jħallas" lil dawk li ma jagħarfux lil Alla u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju, u "jrodd it-tbatija" lilhom. Meta? Meta Hu

*jfeġġ mis-smewwiet* imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu, fl-istess ħin *meta Hu jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin Tiegħu*.

L-appostlu Pawlu jgħid, f'vers 6:

> "*Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom*"

Dawk il-persekuturi, li ħaqru lill-Kristjani, ikollhom it-tbatija bħala ħlas fuqhom. Meta? Meta Kristu jiġi *biex ikun igglorifikat fil-qaddisin Tiegħu*. Neruni ħaqar lil Pawlu; imbagħad, fil-miġja Tiegħu, Kristu jħallas lil Neruni bi "tbatija," u Hu jħallas lil Pawlu bil-"mistrieħ." Għalhekk, fil-miġja ta' Kristu, Pawlu u Neruni t-tnejn ikunu fil-qawmien. Neruni għandu jkun hemm biex ikun maħqur.

Iva, il-ġusti u l-ħżiena joħorġu 'l quddiem fl-istess ħin. Il-Bibbja tgħallem lit-tieni miġja ta' Kristu u l-ġudizzju tal-ħżiena jkunu fl-istess ħin. L-għażla tagħna hija bejn dak li jgħid Alla u dawk li jgħidu l-bnedmin!

Fl-aħħar, l-iskop li nittratta ma' dawn is-siltiet f'dettall bħal dan huwa biex nuri li d-dottrina ta' saltna ta' millennju fil-futur *ma għandha ebda appoġġ* f'dawn it-testi profetiċi li aħna studjajna dwarhom, u li l-prattika li tneħħi dawn il-profeziji barra mill-kuntest storiku tagħhom li jwettaqhom hija li tagħti żmien ħażin u bla ebda ġustifikazzjoni u b'hekk tkun qed iġġib il-Kelma ta' Alla fix-xejn. Għalhekk, it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6)

U sfortunatament hemm ħafna li ma jridux jisimgħu u qegħdin jaċċettaw it-tagħlim falz tal-millenjalisti li jwassalhom għat-telfien ta' dejjem ukoll għalkemm l-Ispirtu s-Santu jigħidilhom

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom,* ***b'ebda mod!***" (2 Tessalonikin 2:3).